# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**


**IL-ĦADD, 1.08.10: IT-TMINTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**

**Fl-10.30a.m.** Se jqaddes Dun Gużepp Camilleri, missjunarju fil-Gwatemala. Il-ġabra li ssir f'din il-quddiesa se tkun għall-missjoni tiegħu f'dan il-pajjiż.

**IT-TNEJN, 2.08.10:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar

**Fis-6.00p.m.** Ikun hemm quddiesa fiċ-Ċimiterju

**Fis-7.00p.m.** Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla u lil Santa Margerita għall-ħidma flimkien b'risq il-festa. Din tkun bis-sehem tal-membri tal-Kumitati kollha tal-Festa.

**IL-ĦAMIS, 5.08.10:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar

**Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur għall-qrar

**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru t-twaqqif ta' l-Ewkaristija u tas-saċerdozju. F'din il-konċelebrazzjoni jsir talb bis-salmi flimkien mal-poplu.

**IL-ĠIMGĦA, 6.08.10: IT-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ. FESTA**

L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar

Xieraq nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu.

Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. U mit-3.00p.m. 'l quddiem.

**FIT-8.30p.m.** Quddiesa ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar għall-membri tal-professjonijiet kollha. Din tkun fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria. Qabel il-quddiesa jkun hemm l-opportunita' għall-qrar.

**IL-ĦADD, 8.08.10: ID-DSATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**

Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja waqt il-quddiesa tkun għar-restawri.

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL MALTA

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Awissu Mons. Isqof Mario Grech se jmexxi pellegrinaġġ djoċesan għall-parroċċa ta' Stella Maris, tas-Sliema, Malta. Nitilqu mal-vapur tal-5.15p.m. U niġu lura mal-vapur tal-9.45p.m. Ikun hemm quddiesa.

Il-Biljetti għal dan il-pellegrinaġġ mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## KELLNA FESTA SABIĦA.

Minkejja r-riħ li ma ppermettiex li joħroġ l-armar kollu tal-festa, kellna festa tassew sabiħa.

Il-kummenti li waslulna kienu kollha kummenti ta' festa organizzata tajjeb u li mxiet bl-ordni u b'dinjita'.

Dawn il-kummenti jridu jaslu lil kull membru tal-komunita' tal-parroċċa għax dak li sar kien bis-sehem ta' kulħadd; min ftit u min ħafna.

Ħaġa wkoll li mpressjonat lill-barranin li ġew fostna kienet l-attendenza tassew numeruża fin-Novena kollha. Dan huwa sinjal pożittiv ħafna għax intwera li l-parroċċa qed tagħti prijorita' lill-aspett reliġjuż tal-festa.

Nixtieq nirringrazzja lil tant voluntiera li jagħtu sehemhom bil-qalb għall-festa, bħalma huma dawk tal-ġbir tal-fondi, tal-armar, tan-nar, tat-tiġrija, tal-ikla, ta' ġol-knisja, tal-banda, Kor, abbatin, dawk li għinu fil-pubblikazzjonijiet u fix-xandir bir-radju tal-komunita', u speċjalment lis-Saċerdoti u lill-Kunsill Parrokkjali u l-Kumitat tal-Festa.

Fuq kollox nirringrazzjaw lil Alla u lil Santa Margerita li kollox mar tajjeb u ma kien hawn ebda inċident.

Għalhekk niltaqgħu nhar it-Tnejn, 2 ta' Awissu għall-quddiesa ta' filgħaxija biex ngħidu grazzi lil Alla u lill-Patruna tagħna għal dak kollu li għaddejna minnu fil-granet tal-festa.

## ATTIVITÀ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ - MIXJA BIL-LEJL

Matul il-lejl bejn is-Sibt 7 u l-Ħadd 8 ta' Awwissu, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ se torganizza mixja bil-lejl għaż-żgħażagħ li titlaq mir-Rabat u tintemm ir-Ramla. Matul il-mixja jsiru waqfiet f'diversi kappelli u knejjes biex isiru meditazzjonijiet u talb permezz tal-Kelma t'Alla. Tiġi ċċelebrata l-quddiesa. Iż-żgħażagħ interessati (16+) huma mitluba jikkuntattjaw lil Dun Giovanni Curmi (99228918).

**ĠABRA:** Waqt l-quddiesa mmexxija minn Mons. Gużepp Agius il-parroċċa offriet is-somma ta' €300 għall-Missjoni tiegħu fil-Brażil.